Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-17 ta' Lulju, 2026

KUNSILL LOKALI L-GĦASRI

Il-Kunsill Lokali l-Għasri jgħarraf illi:

Sal-11.30 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Awwissu, 2026, jintlaqgħu offerti fil-Kunsill Lokali l-Għasri permezz tal-ePPS, għal:

Avviż Nru GSR/01/2026. Servizzi ta' kiri u operazzjoni ta' impjant u makkinarju għall-Kunsill Lokali l-Għasri, Għawdex.

Id-dokumenti tal-offerti huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-17 ta' Lulju, 2026

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

17th July, 2026

GĦASRI LOCAL COUNCIL

The Għasri Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Għasri Local Council through ePPS up to 11.30 a.m. of Friday, 28th August, 2026, for the:

Advt No. GSR/01/2026. Hire and operation services of plant and machinery for the Għasri Local Council, Gozo.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

17th July, 2026

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

1827

ARB/C034/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fid-29 ta' April, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Lara Lanfranco, LLD). Kumpilazzjoni Numru 161/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

ROGER AGIUS, uffiċjal pubbliku, ta' 47 sena, iben il-mejjet Paul Agius u Maria Melita Agius xebba Zarb, imwieled San Ġiljan, Malta, fis-26 ta' Lulju, 1978, u residenti f'4, 'Carmen', Triq San Vinċenz, Birżebbuġa, u/jew 'Maria Dolores', Triq il-Karmnu, Ħal Luqa, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 396578M.

ARB/C034/2024 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 29th April, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Lara Lanfranco, LLD). Compilation Number 161/2024, in the case:

The Republic of Malta

Versus

ROGER AGIUS, public officer, 47 years, son of the late Paul Agius and Maria Melita Agius née Zarb, born in St Julian's, Malta, on the 26th July, 1978, and residing at 4, 'Carmen', Triq San Vinċenz, Birżebbuġa, and/or 'Maria Dolores', Triq il-Karmnu, Ħal Luqa, and holder of Maltese identity card bearing number 396578M.

EMANUEL SPAGNOL, pensjonant, ta' 72 sena, iben il-mejjet Michele Spagnol u l-mejta Catarina Spagnol xebba Cutajar, imwieled iż-Żejtun, Malta, fis-26 ta' April, 1954, u residenti f'86, Triq San Klement, Iż-Żejtun, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 353254M.

DUSTIN CARUANA, impjegat, ta' 38 sena, iben Saviour Caruana u Rita Caruana xebba Vassallo, imwieled Tal-Pietà, Malta, fil-11 ta' Frar, 1988, u residenti f'4, Misraħ tas-Suq, Ħal Tarxien, u/jew Blk 2, Triq in-Nadur, Marsaskala, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 100988M.

LUKE SALIBA, impjegat, ta' 35 sena, iben il-mejjet Joseph Saliba u Rita Saliba xebba Sghendo, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-30 ta' Novembru, 1990, u residenti f''Costa Esmeralda', Flat 5, Triq Ċensu Farrugia, L-Imsida, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 567990M.

U

SILVIO (SILVIO JOHN) GRIXTI, tabib, ta' 51 sena, iben John Grixti u Emanuela Grixti xebba Cassar, imwieled Tal-Pietà, Malta, fis-6 ta' Frar, 1975, u residenti f'49, 'Cor Jesu', Triq San Girgor, Iż-Żejtun, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 111675M.

Il-Qorti ORDNAT li l-assi li għandhom jibqgħu milquta mill-Ordni ta' Qbid u Ffriżar maħruġ fil-konfront ta' ROGER AGIUS, EMANUEL SPAGNOL, DUSTIN CARUANA, LUKE SALIBA, and SILVIO (SILVIO JOHN) GRIXTI għandhom ikunu kif ġej:

is-somma ta' €1,414,364 (miljun, erba' mija u erbatax-il elf, tliet mija u erbgħa u sittin ewro) fir-rigward ta' SILVIO GRIXTI;

is-somma ta' €53,398 (tlieta u ħamsin elf, tliet mija u tmienja u disgħin ewro) fir-rigward ta' ROGER AGIUS;

is-somma ta' €52,000 (tnejn u ħamsin elf ewro) fir-rigward ta' EMANUEL SPAGNOL;

is-somma ta' €36,000 (sitta u tletin elf ewro) fir-rigward ta' DUSTIN CARUANA.

Il-Qorti ORDNAT ukoll li, fir-rigward ta' LUKE SALIBA, l-ammont li għandu jibqa' milqut mill-Ordni ta' Qbid u Ffriżar għandu jibqa' dak diġà ddikjarat permezz tad-digriet datat 9 ta' Settembru, 2024, u sussegwentement ikkonfermat bid-digriet datat 9 ta' Ottubru, 2024, jiġifieri s-somma ta' €47,000 (sebgħa u erbgħin elf ewro).

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti

EMANUEL SPAGNOL, pensioner, 72 years, son of the late Michele Spagnol and the late Catarina Spagnol née Cutajar, born in Żejtun, Malta on the 26th April, 1954, and residing at 86, Triq San Klement, Żejtun, and holder of Maltese identity card bearing number 353254M.

DUSTIN CARUANA, employee, 38 years, son of Saviour Caruana and Rita Caruana née Vassallo, born in Tal-Pietà, Malta, on the 11th February, 1988, and residing at 4, Misraħ tas-Suq, Ħal Tarxien, and/or Blk 2, Triq in-Nadur, Marsaskala, and holder of Maltese identity card bearing number 100988M.

LUKE SALIBA, employee, 35 years, son of the late Joseph Saliba and Rita Saliba née Sghendo, born in Tal-Pietà, Malta on the 30th November, 1990, and residing at 'Costa Esmeralda', Flat 5, Triq Ċensu Farrugia, Msida, and holder of Maltese identity card bearing number 567990M.

AND

SILVIO (SILVIO JOHN) GRIXTI, doctor, 51 years, son of John Grixti and Emanuela Grixti née Cassar, born in Tal-Pietà, Malta on the 6th February, 1975, and residing at 49, 'Cor Jesu', Triq San Girgor, Żejtun, and holder of Maltese identity card bearing number 111675M.

The Court ORDERED that the assets which shall remain subject to the Seizing and Freezing Order issued against ROGER AGIUS, EMANUEL SPAGNOL, DUSTIN CARUANA, LUKE SALIBA, and SILVIO (SILVIO JOHN) GRIXTI shall be limited as follows:

the amount of €1,414,364 (one million, four hundred and fourteen thousand, three hundred and sixty-four euro) in respect of SILVIO GRIXTI;

the amount of €53,398 (fifty-three thousand, three hundred and ninety-eight euro) in respect of ROGER AGIUS;

the amount of €52,000 (fifty-two thousand euro) in respect of EMANUEL SPAGNOL;

the amount of €36,000 (thirty-six thousand euro) in respect of DUSTIN CARUANA.

The Court further ORDERED that, in respect of LUKE SALIBA, the amount which shall remain subject to the Seizing and Freezing Order shall remain that already declared by a Court decree dated 9th September, 2024, and subsequently confirmed by a Court decree dated 9th October, 2024, namely the amount of €47,000 (forty-seven thousand euro).

This variation is being published in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree

mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD), fil-5 ta' April, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-31 ta' Mejju, 2024, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' ROGER AGIUS, EMANUEL SPAGNOL, DUSTIN CARUANA, LUKE SALIBA, u SILVIO (SILVIO JOHN) GRIXTI.

Illum 13 ta' Mejju, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD) on the 5th April, 2024, which was published in the Government Gazette on the 31st May, 2024, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to ROGER AGIUS, EMANUEL SPAGNOL, DUSTIN CARUANA, LUKE SALIBA, and SILVIO (SILVIO JOHN) GRIXTI.

Today 13th May, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1828

ARB/C071/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-24 ta' Ġunju, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. JP Grech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 517/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

MILAN SOBAT, mekkanik/elettriċista, ta' 44 sena, iben il-mejjet Radovan u l-mejta Miriana xebba Micic, imwieled f'Sarajevo, Bosnia Herzegovina, fis-16 ta' Ġunju, 1982, mingħajr indirizz fiss u detentur tal-passaport tal-Bożnija-Ħerzegovina bin-numru B4327548.

Il-Qorti qed tordna Ordni ta' Qbid u Friżar u tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà mobbli u immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lil MILAN SOBAT jew huma proprjetà tiegħu, u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli u ai termini tal- Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti qed tawtorizza li l-imputat jipperċepixxi annwalment l-ammont previst mil-liġi ta' €13,976.24 minn fejn għandhom jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inkluż salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jkunu se jitħallsu lill-imputat.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

ARB/C071/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 24th June, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr JP Grech, LLD). Compilation Number 517/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

MILAN SOBAT, mechanic/electrician, of 44 years, son of late Radovan and late Miriana née Micic, born at Sarajevo, Bosnia Herzegovina, on the 16th June 1982, without a fix residence and holder of Bosnia Herzegovina passport bearing number B4327548.

The Court issued a Seizure and Freezing Order and ordered the attachment, in the hands of third parties in general of all monies and movable property that are owed to and/or belong to MILAN SOBAT or are his property, and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating, or otherwise disposing of any movable or immovable property, in accordance with Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta.

The Court authorises, that the accused receive, on an annual basis, the amount provided by law of €13,976.24, provided, that he declares the sources, the manner and other modalities of payment, including salary, wages, pension and social benefits paid to the accused.

Any person who acts in contravention of the Court order mentioned in Article 22A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 3 ta' Lulju, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 3rd July, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1829

ARB/C074/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-13 ta' Frar, 2026, li kien ikkjarifikat b'digriet mogħti fil-13 ta' April, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Lara Lanfranco, LLD). Kumpilazzjoni Numru 867/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

OMISSIS

U

OMISSIS

U

OMISSIS

U

STEWARD MALTA LIMITED (MAGĦRUFA WKOLL BĦALA VITALS GLOBAL HELATHCARE LTD), inkorporata fil-13 ta' Mejju, 2015, b'numru ta' reġistrazzjoni ta' Malta C70546, u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala Portomaso Business Centre, San Ġiljan.

U

STEWARD MALTA MANAGEMENT LIMITED (MAGĦRUFA WKOLL BĦALA VITALS GLOBAL HEALTHCARE MANAGEMENT), inkorporata fis-18 ta' Mejju, 2015, b'numru ta' reġistrazzjoni ta' Malta C7624, u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala Portomaso Business Centre, San Ġiljan.

U

STEWARD MALTA PERSONNEL LIMITED (MAGĦRUFA WKOLL BĦALA VGH RESOURCES LIMITED), inkorporata fl-24 ta' Lulju, 2017, b'numru ta'

ARB/C074/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 13th February, 2026, which was clarified by decree dated 13th April, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Lara Lanfranco, LLD). Compilation Number 867/2025, in the case:

The Republic of Malta

Versus

OMISSIS

AND

OMISSIS

AND

OMISSIS

AND

STEWARD MALTA LIMITED (ALSO KNOWN AS VITALS GLOBAL HEALTHCARE LTD), incorporated in Malta on the 13th May, 2015, with a Maltese registration number C70546, and registered address at Portomaso Business Centre, St Julian's.

AND

STEWARD MALTA MANAGEMENT LIMITED (ALSO KNOWN AS VITALS GLOBAL HEALTHCARE MANAGEMENT LTD), incorporated in Malta on the 18th May, 2015 with a Maltese registration number C70624, and registered address at Portomaso Business Centre, St Julian's.

AND

STEWARD MALTA PERSONNEL LIMITED (ALSO KNOWN AS VGH RESOURCES LIMITED) , incorporated in Malta on the 24th July, 2017, with a Maltese registration

reġistrazzjoni ta' Malta C81862, u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala Portomaso Business Centre, San Ġiljan.

U

STEWARD MALTA ASSETS LIMITED (MAGĦRUFA WKOLL BĦALA VITALS GLOBAL HEALTHCARE ASSETS LIMITED), inkorporata fit-18 ta' Mejju, 2015, b'numru ta' reġistrazzjoni ta' Malta C70625, u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala Portomaso Business Centre, St Julians.

U

STEWARD HEALTH CARE INTERNATIONAL LIMITED

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru ta' kwalunkwe proprjetà li tkun f'idejn partijiet terzi li dwarha jkun hemm raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjetà hija suġġetta għall-konfiska, u qed iżżomm u tipprojbixxi lis-soċjetajiet STEWARD MALTA LIMITED, STEWARD MALTA MANAGEMENT LIMITED, STEWARD MALTA PERSONNEL LIMITED, u STEWARD MALTA ASSETS LIMITED milli jittrasferixxu, jagħtu b'rahan, jipotekaw, jew b'xi mod ieħor ibiddlu jew jiddisponu minn dik il-proprjetà u minn proprjetà oħra tagħhom jew li tkun fil-pussess tagħhom sal-limitu ta':

Għoxrin miljun euro (€20,000,000) fir-rigward tas-soċjetà STEWARD MALTA LIMITED;

Għoxrin miljun euro (€20,000,000) fir-rigward tas-soċjetà STEWARD MALTA MANAGAMENT LIMITED;

Għoxrin miljun euro (€20,000,000) fir-rigward tas-soċjetà STEWARD MALTA PERSONNEL LIMITED;

Għoxrin miljun euro (€20,000,000) fir-rigward tas-soċjetà STEWARD MALTA ASSETS LIMITED;

u dan ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 36 (1) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 5, fl-Artikolu 23A u fl-Artikolu 36 (1) tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf ewro (€12,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

number C81862, and registered address at Portomaso Business Centre, St Julian's.

AND

STEWARD MALTA ASSETS LIMITED (ALSO KNOWN AS VGH RESOURCES LIMITED), incorporated in Malta on the 18th May, 2015, with a Maltese registration number C70625, and registered address at Portomaso Business Centre, St Julian's.

AND

STEWARD HEALTH CARE INTERNATIONAL LTD

The Court ORDERED the attachment of any property in the hands of third parties for which there is reasonable cause to believe that the property is subject to confiscation, and is restraining and prohibiting the accused STEWARD MALTA LIMITED, STEWARD MALTA MANAGEMENT LIMITED, STEWARD MALTA ASSETS LIMITED, and STEWARD MALTA PERSONNEL LIMITED from transferring, pledging, hypothecating, or otherwise changing or disposing of any such property and of such other property owned by them or being in their possession up to the limit of:

Twenty million euro (€20,000,000) with regards to the accused STEWARD MALTA LIMITED;

Twenty million euro (€20,000,000) with regards to the accused STEWARD MALTA MANAGEMENT LIMITED;

Twenty million euro (€20,000,000) with regards to the accused STEWARD MALTA ASSETS LIMITED;

Twenty million euro (€20,000,000) with regards to the accused STEWARD MALTA PERSONNEL LIMITED;

and this in terms of Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta and Article 36 (1) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 5, Article 23A and Article 36 (1) referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand Euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Illum 7 ta' Lulju, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għal-Irkupru tal-Assi

Today 7th July, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1830

ARB/C050/2026 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-26 ta' Ġunju, 2026 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Lara Lanfranco, LLD). Kumpilazzjoni Numru 389/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

SHEN MAN, ta' 56 sena, bint Ya Qin Wu u De Chang Shen, imwielda fil-'People's Republic of China', fiċ-Ċina, fit-8 ta' Settembru, 1969, u residenti f'Mistal Court, Flat 2, Triq il-Knisja, L-Imsida, u detentriċi ta' karta tal-identifikazzjoni Maltija bin-numru 112006A b'indirizz reġistrat Carbone Farmhouse, Trejqet il-Fulija, L-Iklin.

Il-Qorti AWTORIZZAT, fir-rigward ta' SHEN MAN, illi l-perijodu ta' disgħin (90) ġurnata mogħti lill-Prosekuzzjoni bis-saħħa tal-Ordni ta' Qbid u Ffriżar maħruġ permezz tad-digriet datat it-2 ta' Mejju, 2026, jiġi estiż għal perijodu ieħor ta' disgħin (90) ġurnata dekorribbli mill-1 ta' Awwissu, 2026.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Gabriella Vella, LLD), fit-2 ta' Mejju, 2026, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-15 ta' Mejju, 2026, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' SHEN MAN.

Illum 7 ta' Lulju, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

ARB/C050/2026 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 26th June, 2026 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Lara Lanfranco, LLD). Compilation Number 389/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

SHEN MAN, 56 years, daughter of Ya Qin Wu and De Chang Shen, born in the People's Republic of China, on the 8th September, 1969, and residing at 'Mistal Court, Flat 2, Triq il-Knisja, Msida' and holder of a Maltese identification card bearing number 112006A with registered address 'Carbone Farmhouse, Trejqet il-Fulija, Iklin'.

The Court AUTHORISED, in relation to SHEN MAN, that the period of ninety (90) days granted to the Prosecution pursuant to the Seizing and Freezing Order issued by decree dated 2nd May, 2026, be extended by a further period of ninety (90) days commencing on 1st August, 2026.

This variation is being published in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Gabriella Vella, LLD) on the 2nd May, 2026, which was published in the Government Gazette on the 15th May, 2026, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to SHEN MAN.

Today 7th July, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1831

ARB/C073/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-29 ta' Settembru, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Caroline

ARB/C073/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 29th September, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Caroline

Farrugia Frendo, LLD). Kumpilazzjoni Numru 6433/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

MATTHIAS WILLIAM PISANI, ta' 24 sena, iben Carmelo Pisani u Isabella xebba Ciangura, imwieled f' Tal-Pietà, Malta, fi-10 ta' Frar, 2002, u resident f'31, Girlanda, Triq l-Ewwel ta' Novembru 1950, Il-Mosta, Malta, detentur tal-karta tal-identità Maltija, bin-numru 62102L u b'indirizz reġistrat fi 33, Tlugħ ix-Xemx, Flat 2, Triq l-1 ta' Novembru 1950, Mosta.

Il-Qorti qed tordna Ordni ta' Qbid u Friżar u tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil/jew ikunu jmissu lill MATTHIAS WILLIAM PISANI jew ikunu proprjetà tiegħu, u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 3 ta' Lulju, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Farrugia, LLD). Compilation Number 6433/2025, in the case:

The Republic of Malta

Versus

MATTHIAS WILLIAM PISANI, 24 years, son of Carmelo Pisani and Isabella née Ciangura, born in Pietà', Malta, on the 10th February, 2002, and residing at 31, Girlanda, Triq l-Ewwel ta' Novembru 1950, Mosta, Malta, holder of Maltese identity card, bearing number 62102L and with registered address at 33, Tlugħ ix-Xemx, Flat 2, Triq l-1 ta' Novembru 1950, Mosta.

The Court issued a Seizure and Freezing Order and ordered the attachment, in the hands of third parties in general of all monies and movable property that are owed to and/or belong to MATTHIAS WILLIAM PISANI or are his property and prohibits the accused from transferring or otherwise disposing of any movable or immovable property, in accordance with Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the Court order mentioned in Article 22A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 3rd July, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1832

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-8 ta' Lulju, 2026, u dan wara Rikors b'numru 361/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid numru 106/2021 sabiex isem il-ġenitur (2), ċoè l-omm, jiġi korrett minn 'Massanje' għal 'Massandje' u l-post tat-twelid tagħha jiġi korrett minn 'Odienne, Ivory Coast' għal 'Attecoube, Ivory Coast' u isem in-nannu matern jiġi korrett minn 'Abubaca' għal 'Mamadou'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 8th July, 2026, and upon an application numbered 361/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate correction on the Act of Birth number 106/2021 so that the name of parent (2), namely the mother, is corrected from 'Massanje' to 'Massandje', her place of birth is corrected from 'Odienne, Ivory Coast' to 'Attecoube, Ivory Coast', and the maternal grandfather's name is corrected from 'Abubaca' to 'Mamadou'.

Court of Revision of Notarial Acts

Illum it-Tnejn 13 ta' Lulju, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Today Monday 13th July, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1833

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-8 ta' Lulju, 2026, u dan wara Rikors b'numru 204/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid numru 7177/2025 sabiex il-kunjom tal-minuri jiġi mibdul minn 'Loeck' għal 'Riela Loeck'.

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 8th July, 2026, and upon an application numbered 204/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate correction on the Act of Birth number 7177/2025 so that the minor's surname is changed from 'Loeck' to 'Riela Loeck'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Illum it-Tnejn 13 ta' Lulju, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Today Monday 13th July, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1834

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sezzjoni Irkupru tal-Assi), fis-16 ta' Ġunju, 2026, fl-atti ta' Rikors Ġuramentat numru 19/2024HM, fl-ismijiet: L-Uffiċju għall-Irkupru tal-Assi vs Melchior Portelli et ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: L-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi vs Melchior Portelli (305997M) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sezzjoni Irkupru tal-Assi), fid-29 ta' Novembru, 2024, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna l-bejgħ ta' dawn il-vetturi ai termini tal-Artikolu 36(9) tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta u li r-rikavat tal-bejgħ tagħhom jibqa' ffriżat f'kont bankarju tal-Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi sakemm dawn il-proċeduri jiġu fi tmiemhom hekk kif hemm stipulat fl-Artikolu 36(9)(b) tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan salv kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha li timponi.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni

Ir-Rikors Ġuramentat numru 19/2024HM fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-17 ta' Settembru, 2026, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Pauline Ellul, 'Redentur', Triq is-Serkin, Il-Marsa

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Asset Recovery Section), on the 16th June, 2026, in the records of Sworn application number 19/2024HM, in the names: The Office for the Recovery of assets vs Melchior Portelli et, was ordered the following publication, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: The asset Recovery Office vs Melchior Portelli (305997M) et filed in the Civil Court, First Hall (Asset Recovery Section), on the 29th November, 2024, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Order the sale of these vehicles in terms of Article 36 (9) of Cap. 621 of the Laws of Malta and that the proceeds of their sale remain frozen in a bank account of the asset Recovery Office until these procedures come to an end as stipulated in Article 36 (9)(b) of Cap. 621 of the Laws of Malta, and this saving any provision that this Honourable Court deems fit to impose.

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made

The Sworn application number 19/2024HM in the names mentioned above is postponed to the 17th September, 2026, at 9.30 a.m.

Notification respondent: Pauline Ellul, 'Redentur', Triq is-Serkin, Marsa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 14th July, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1835

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), fil-15 ta' Mejju, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 111/2026MH, fl-ismijiet; Icuag Limited vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimati.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Icuag Limited (C9831) vs Avukat tal-Istat u Kevin Portanier (KI 90570M) u Jacqueline Portanier Watts (KI 600759M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-13 ta' April, 2026, is-soċjetà rikorrenti titlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti su esposti u l-operazzjonijiet tal-Artikolu 12 qegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimat Kevin Portanier u Jacqueline Portanier Watts u jirrenduha impossibbli lis-soċjetà rikorrenti li jirriprendu l-pussess effettiv tal-fond 39, Christie, Flat 7, Triq l-Isqof F. S. Caruana, L-Imsida, proprjetà tal-istess soċjetà rikorrenti;

2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi li qed jiġu vjolati d-drittijiet tas-soċjetà rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà 39, Christie Flat 7, Triq l-Isqof F. S. Caruana, L-Imsida, u b'hekk tagħti lir-rikorrenti ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens ta' danni pekunjarji u nonpekunjarji sofferti mis-soċjetà rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Att XXIII tal-1979 li ma kreawx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin;

4. Tillikwida l-istess kumpens u danni, kemm pekunjarji u nonpekunjarji, oltre l-imgħax legali, kif sofferti mis-soċjetà rikorrenti, ai termini tal-liġi;

5. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni hekk likwidati ai termini tal-liġi, bl-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni tal-intimati minn issa in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 111/2026MH fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-9 ta' Diċembru, 2026, fil-11.00 a.m.

By means of a decree given by the Civil Court First Hall (Constitutional jurisdiction), on the 15th May, 2026, in the records of the Sworn application number 111/2026MH, in the names; Icuag Limited vs State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) of Cap. 12, for the purpose of service of the respondents.

By means of an application in the names: Icuag Limited (C9831) vs State Advocate and Kevin Portanier (ID 90570M) and Jacqueline Portanier Watts (ID 600759M) filed in the Civil Court First Hall (Constitutional jurisdiction) on the 13th April, 2026, the applicant company respectfully prays this Honourable Court, that:

1. Declare and decide that in regard to the applicants, the facts above mentioned and the operations of Article 12 are giving an indefinite right of relocation to the respondents Kevin Portanier and Jacqueline Portanier Watts and render it impossible for the applicant company to take back the effective possession of the premises 39, Christie, Flat 7, Triq L-Isqof F. S. Caruana, Msida, property of the same applicant company;

2. Consequently declare and decide that the rights of the applicant company are being violated for the enjoyment of the property 39, Christie Flat 7, Triq l-Isqof F. S. Caruana, Msida, and thus give the applicant all the remedies it deems fit in the situation;

3. Declare and decide that the respondent State Advocate is responsible for compensation of pecuniary and non-pecuniary damages suffered by the applicant company as a consequence of the operations of Act XXIII of 1979 which did not create a fair balance between the rights of the owner and those of the lessee;

4. Liquidate the same compensation and damages, both pecuniary and non-pecuniary, besides legal interest, as suffered by the applicant company, in terms of law;

5. Condemn the respondent State Advocate to pay the same compensation and damages so liquidated in terms of law, with legal interest till the date of effective payment.

With costs, and the respondents are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 111/2026MH in the names mentioned above is postponed to 9th December, 2026, at 11.00 a.m.

Notifiki: Kevin Portanier, 39, Christie, Flat 7, Triq l-Isqof F. S. Caruana, L-Imsida

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification: Kevin Portanier, 39, Christie, Flat 7, Triq l-Isqof F. S. Caruana, Msida

Registry of the Superior Courts, today 14th July, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1836

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-12 ta' Mejju, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1012/2024JVC, fl-ismijiet: Pappolla Consulting Limited vs Em@ney plc u permezz tad-digriet ta' 3 ta' Frar, 2026, Germano Arnò ġie kjamat in kawża, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Pappolla Consulting Limited (C95410) vs Em@ney plc (C55558) u permezz tad-digriet ta' 3 ta' Frar, 2026, Germano Arnò ġie kjamat in kawża ppreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-18 ta' Settembru, 2024, il-kumpanija rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-kumpanija intimata hija debitriċi tal-kumpanija rikorrenti fl-ammont ta' mitejn sitta u tletin elf ewro (€236,000) rappreżentanti ammont dovut mill-intimata lill-kumpanija rikorrenti bħala 'termination fee' ai termini tal-kuntratt ta' konsulenza ffirmat bejn il-partijiet nhar il-15 ta' Marzu, 2020;

2. Tikkundanna lill-kumpanija intimata sabiex tħallas l-ammont premess lill-kumpanija rikorrenti.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat kawtelatorju ppreżentat kontestwalment mar-rikors odjern, u bl-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Il-kumpanija intimata u r-rappreżentanti tagħha huma minn issa inġunti għas-subizzjoni tagħhom.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1012/2024JVC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-15 ta' Ottubru, 2026, fl-9.45 a.m.

Notifiki: Germano Arnò, C/S Oleg Vladimirsvich Mikhailsu, Saphire Court, Flat 5, Triq l-Assemblea Nazzjonali, Il-Mosta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 12th May, 2026, in the records of the Sworn application number 1012/2024JVC, in the names: Pappolla consulting Limited vs Em@ney plc and by means of a decree of the 3rd February, 2026, Germano Arnò was called into the suit, the following publication was ordered in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent company.

By means of an application in the names: Pappolla consulting Limited (C95410) vs Em@ney plc (C55558) and by means of a decree of the 3rd February, 2026, Germano Arnò was called into the suit filed in the Civil Court, First Hall, on the 18th September, 2024, the applicant company asked this Honourable Court:

1. Declare that the respondent company is a debtor of the applicant company in the amount of two hundred thirty six thousand euro (€236,000) representing amount due by the respondent to the applicant company as 'termination fee' in terms of the consultancy contract signed between the parties on the 15th March, 2020;

2. Condemn the respondent company to pay the amount premised to the applicant company.

With costs, including those of the precautionary warrant filed together with the present application, and with interest of eight per cent (8%) from the date of the invoice till the date of effective payment.

The respondent company and its representatives are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 1012/2024JVC in the names mentioned above is postponed to the 15th October, 2026, at 9.45 a.m.

Services: Germano Arnò, C/S Oleg Vladimirsvich Mikhailsu, Saphire Court, Flat 5, Triq l-Assemblea Nazzjonali, Mosta

Registry of the Superior Courts, today 14th July, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1837

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-10 ta' Lulju, 2026, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C2833, ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 22 ta' Ottubru, 2026, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell-1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-apartament internament immarkat bin-numru erbgħa (4) sitwat fis-second floor level u ċoè fit-tielet sular mit-triq formanti parti minn blokk ta' appartamenti bla numru uffiċjali bl-isem ta' 'Alisa' fi Triq Lorry Sant ġja triq ġdida bla isem illi tagħti għal Cospicua Road, Il-Fgura, u jikkonfina mat-Tramuntana ma' Triq Lorry Sant, mil-Lvant ma' proprjetà ta' F.J.A. Limited jew l-aventi kawża tagħha u mill-Punent in parti mal-aventi kawża ta' Jolmar u Carcam Limited u in parti mal-istess Triq Lorry Sant jew irjieħ verjuri, aċċessibbli minn taraġ komuni bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha, hekk kif suġġett u jgawdi s-servitujiet attivi u passivi naxxenti mill-pożizzjoni tiegħu, inkluż is-sehem indiviż 'prorata' mill-partijiet komuni flimkien mal-proprjetarji l-oħra tal-istess blokk, tal-entratura, tat-taraġ, indani, drains u drainage system, lift shaft u dawk is-servizzi u l-partijiet kollha l-oħra intiżi ghall-użu komuni, eskluża l-arja inkluż però d-dritt ta' użu ta' dik il-parti tal-bejt sovraposta għall-istess apartament flimkien mas-sidien l-oħra tal-flats fl-istess blokk, kif ukoll id-dritt ta' installazzjoni ta' tank tal-ilma ta' seba' mija u ħamsin litru (750l) u aerial tat-televixin u/jew satellite dish ta' mhux aktar minn wieħed punt wieħed metru (1.1m) dijametru fuq il-bejt tal-blokk, f'post indikat u bid-dritt ta' aċċess għall-istess bejt f'każ ta' ħsara u manutenzjoni ta' dawn is-servizzi f'ħinjiet raġonevoli u dan kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Patricia Hall datat t-tlettax ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (13.7.2005) u stmat li jiswa tliet mitt elf ewro (€300,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Simon Tabone (KI 199779M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 8/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 14 ta' Lulju, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 10th July, 2026, on the application of Bank of Valletta plc with the registration number C2833, Thursday, 22nd October, 2026, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room number 78 nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The apartment internally marked number four (4) situated on the second floor and on the third floor from the street level, forming part from the block of apartments officially unnumbered named' 'Alisa' in Triq Lorry Sant previously unnamed New street leading to Cospicua Road, Fgura, and bounded on the north by Triq Lorry Sant, on the east by property of F.J.A. Limited or their successors in title and on the west in part by the successors in title of Jolmar and Carcam Limited and in part by the said Triq Lorry Sant or other correct boundaries, accessible by a common stairs with all its rights and appurtenances, as subject to enjoying the active and passive servitudes arising from its position, including the undivided pro rate share of the common parts together with the other owners of the same block, of the entrance, stairs, hallways, drains and drainage system, lift shaft and all those services and all other parts intended for the common use, excluding the airspace however including the right to use that part of the roof overlying the apartment together with the other owners of the flats in the same block, as well as the right to install a water tank of seven hundred and fifty litres (750l) and an aerial television and/or satellite dish not more than one point one meter (1.1 m) diameter on the roof of the block, in an indicated place and with the right of access to the same roof in case of damage and maintenance of these services within reasonable times and this as better described in the acts of Notary Patricia Hall dated thirteenth of July of the year two thousand and five (13.7.2005) and valued at three hundred thousand euro (€300,000).

The said tenement is the property of Simon Tabone (ID 199779M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 8/2023.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 14th July, 2026

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1838

B'diġriet tas-7 ta' Lulju, 2026, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni

